15 ta' Mejju, 1944.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Saverio Cini et.** *versus* **Salvatore Callicaria**

**Opramenta — Bejt — Taraġ —**
**Art. 129 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna illi l-proprjetarji ta' fondi kontigwi huma obligati jikkontribwixxu għall-ispejjeż neċes-*

*sarji biex issir opramorta bejn iż-żewġ fondi anki meta f'wieħed minnhom ma jkunx hemm taraġ għall-bejt, imma minn dak il-bejt issir użu abitwalment per mezz ta' sellum; għax f'dan il-każ xorta waħda jkun hemm l-inkonvenjent ta' l-introspezzjoni fil-fond l-ieħor li l-liġi trid tneħħi.*

L-attur fit-taħrika tiegħu, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi d-djar tal-kontendenti numri 55 u 54 New Street, Mellieħa, huma kontigwi, imma bejniethom fuq il-bejt ma hemmx l-opra morta rikjesta mill-liġi, peress li dik li hemm, magħmula minnu, mhix ta' altezza legali; u billi l-konvenut qiegħed jisserva bil-bjut tiegħu; il-konvenut jiġi kundannat li jikkontribwixxi l-ispiża neċessarja għall-kostruzzjoni ta' opra morta bejn iż-żewġ fondi sa l-altezza legali, billi hu jiġi akkreditat fil-valur tal-parti ġà minnu kostruwita; billi fil-każ li l-konvenut ma jagħmelx dik l-opra morta fiż-żmien li jiġi lilu prefiss, hu jiġi awtorizzat li jagħmilha a spejjeż komuni (salv l-akkreditament fuq imsemmi) taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 1944;

L-imħarrek wieġeb li t-talba ta' l-atturi hija nfondata, peress li l-bejt tal-konvenut ma għandux taraġ biex titla' għalih (art. 123 ta' l-Ord. VII ta' l-1868);

*Omissis;*

Mill-aċċess u mis-smigħ tal-kawża rriżulta li l-fondi tal-kontendenti jmissu ma' xulxin u li l-bjut huma separati minn ħajt baxx, b'mod li hemm introspezzjoni minn fuq bejt għall-ieħor. Irriżulta li sa Marzu li għadda fuq il-bejt tal-konvenut kien hemm lasti ta' l-inxir u kienu jonxru l-ħwejjeġ. Fid-dar ta' l-atturi hemm taraġ mikxuf li jagħti għall-bejt; iżda fid-dar ta' l-imħarrek ma hemmx taraġ. B'dana kollu l-imħarrek u niesu, almenu sa Marzu li għadda, kienu jagħmlu użu abitwali tal-bejt u kienu jitilgħu għalih b'sellum mill-bitħa; u l-Qorti fl-aċċess rat dak is-sellum. Il-bjut tad-djar ta' l-imħarrek huma tnejn, wieħed ftit ogħla mill-ieħor, iżda ma humiex mifrudin minn ebda opramorta; u minn dak li hu l-aktar fil-baxx hemm xorta waħda l-introspezzjoni għall-bejt ta' l-atturi, għax iż-żewġt ibjut ta' l-imħarrek qishom bejt wieħed. U għalhekk il-fatt li l-imħarrek ipproponi li jibda juża biss il-biċ-

ċa baxxa tal-bejt ma jbiddilx il-pożizzjoni ġuridika, bħal ma kienx ibiddel il-pożizzjoni ġuridika l-fatt ta' min jillimita l-użu minn bejt għal naħa waħda biss;

Il-Qorti tosserva li skond il-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti l-artikolu 123 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 huwa applikabili wkoll għall-każ ta' meta f'wieħed mill-fondi ma jkunx hemm taraġ, iżda fih jintgħamel użu abitwalment tal-bejt b'sellum; għax f'dak il-każ xorta waħda jkun hemm l-inkonvenjent ta' l-introspezzjoni li l-liġi trid tneħħi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba, billi tagħti lill-konvenut xahar żmien għall-finijiet mitluba fit-taħrika. Ix-xogħol għandu jsir taħt it-treġija ta' l-Arkitett Inġinier Ċivili Michael Borg, u l-ħajt diviżorju, in vista tal-ftehim tal-kontendenti, għandu jinbena singlu; iżda l-parti tal-ħajt ta' bejn il-bitħa ta' l-imħarrek u l-bejt ta' l-atturi għandu jsir unikament a spejjeż ta' l-atturi. U in vista tan-natura u ċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru kontra l-konvenut.